# Werrej

Il-Mera ta' Lugrezja........................................1
Kliem b'Lura................................................9
Borma Minestra ............................................18
Tixriba .......................................................29
Bebbux.......................................................37
Żewġ Sulari Taraġ ........................................47
Daqqa t'Id lil Kaspru......................................56
Imħatra .......................................................64
Boċċa Kbira tal-Ħadid.....................................72
Fil-Karnival .................................................82

# Il-Mera ta' Lugrezja

Lugrezja, il-mara ta' Mastru Gerfex, kellha sett għamara antika li kien għal qalbha ħafna. Dan l-aħħar twebblet biex takkwista mera antika ħalli ddendilha fis-salott, mal-ħajt, fuq is-*side-board* antik li kellha hemm. Mastru Gerfex, ma kienx dilettant tad-dar, u dwar din l-affari ma qagħadx imeriha.

Xi jiem wara, Lugrezja kienet qiegħda tagħmel xi qadi u għaddiet minn quddiem il-ħanut ta' Klement ir-regettier. Staqsietu għall-mera u, b'xorti tajba, werieha waħda kif xtaqet hi. Kienet mera antika ta' għamla kwadra. Kellha gwarniċ wiesa' b'ornament skolpit in-naħa ta' fuq. Il-gwarniċ u l-ornament kellhom induratura ġenwina, imma ħasra li 'l hawn u 'l hinn kienu jidhru xi barxiet żgħar u xi dettalji tad-disinn imtajrin.

Lugrezja talbitu l-prezz. Klement talabha elf u mija u għoxrin ewro, imma Lugrezja kienet taf tiġġebbed u rnexxielha tniżżel il-prezz għal elf ewro … bil-kundizzjoni li jirtukkjalha l-brix tal-gwarniċ. Klement wegħidha li jirtukkjahulha s-Sibt ta' wara, għax folji tal-induratura ma kellux u ried imur jixtrihom mill-Belt. Żguraha li s-Sibt waranofsinhar iwasslilha l-mera d-dar bil-vann tiegħu. Lugrezja kkuntentat. Tatu bħala kapparra l-ħamsin ewro li kien fadlilha fil-portmoni, u ftiehmu li tagħtih il-kumplament is-Sibt meta tieħu l-mera d-dar.

Hi u sejra d-dar, Lugrezja għaddiet il-bank u ġibdet elf ewro mill-kont personali tagħha biex ikollha biex tħallas lil Klement. Imma mbagħad ftakret li s-Sibt ta' wara ma kinetx se tkun id-dar. Kienet se tkun għall-irtir ta' jumejn li l-Kappillan kien organizza għan-nisa anzjani. Ma xtaqitx titlef l-irtir, u lanqas xtaqet tgħid lil Klement iħalli l-mera għal ġurnata oħra. Xtaqet li meta tiġi d-dar mill-irtir il-Ħadd flgħaxija ssibha d-dar.

"U iva, m'hemmx Doru?" qalet f'qalbha waqt li ftakret f'żewġha Mastru Gerfex. "Ngħid lilu biex is-Sibt waranofsinhar joqgħod id-dar

jistenna lil Klement." U kif waslet id-dar qaltlu bil-ħsieb tagħha. Qaltlu li kienet xtrat il-mera imma ma qaltlux kemm xtratha. Beżgħet li jeħodha magħha qatta bla ħabel jekk tgħidlu li kienet switilha elf ewro! Mastru Gerfex ma xtaqx li jibqa' msakkar id-dar nofstanhar sħiħ, għax għalih id-dar kienet qisha se taqa' fuqu. Imma Lugrezja kkonvinċietu.

Is-Sibt wasal. Lugrezja mliet basket bil-bżonnijiet tagħha għall-irtir u ħasbet biex tmur tilħaq il-*private* li l-Kappillan kien ordna biex twassalhom id-Dar tal-Irtiri. Qabel ħarġet tgħidx kemm-il darba fakkret lil żewġha biex ma jinsiex jistenna lil Klement bil-mera. Qaltlu jgħidlu li kellha tgħaddi tħallsu hi t-Tnejn ta' wara. Qaltlu kemm-il darba wkoll x'għandu jagħmel għall-ikel. Imma l-ikel ma kienx problema għalih għax għalih landa tonn taż-żejt u żewġ tadamiet kienu iktar minn biżżejjed … basta magħhom ikollu flixkun inbid tajjeb.

Fis-siegħa bomm ċempel il-bieb u Mastru Gerfex ħareġ jiftaħ. Sab quddiemu lil Klement bil-mera ta' Lugrezja. Ħa gost li Klement tfaċċa daqshekk kmieni għax hekk ma kienx se jagħmel

in-nofstanhar kollu jistennieh, u dik in-nagħsa li kien soltu jieħu waranofsinhar ma kienx se jitlifha. "Grazzi, Klement," qallu bid-daħka. "Għall-ħlas tikkonfondix. Tgħaddi tħallsek Lugrezja nhar it-Tnejn għax illum mhix hawn, qiegħda rtir. U, taf int, din ħaġa tagħha u aħjar inħalliha f'idejha. Mhux hekk?"

"Kollox sew, Mast," wieġbu Klement. "Mela nistenna lil Lugrezja nhar it-Tnejn, jekk Alla jrid." U ma' dal-kliem rikeb fil-vann, startja u saq.

Mastru Gerfex daħal bil-mera ġewwa. "Xi gwarniċ għandha!" beda jaħseb. "Min jaf kemm tiswa! ... Din żgur swiet ċappa flus tax-xjafek! ... Illejla nipprova ndendilhielha ħalli meta tiġi mill-irtir issibha f'postha ... Imma l-ewwel immur norqod siegħa."

Imma, għalkemm stħajjel is-sodda tistiednu għas-soltu sjesta, moħħu kien jhewden fuq "iċ-ċappa flus" li Lugrezja kienet nefqet fil-mera. Qabad it-taraġ għal fuq, lejn il-kamra tas-sodda, iżda hekk kif kien għoddu wasal fl-aħħar tarġa ntebaħ li b'aljenazzjoni kien tella' l-mera miegħu! Xejn ma kellu aptit jerġa' jinżel it-taraġ biha, u ddeċieda li jħalliha wieqfa fil-kuritur, maġenb

il-bieb tal-kamra tas-sodda li kien jiġi faċċata tat-taraġ. Waqqaf il-mera hemm u ntefa' fis-sodda jhewden fuq iċ-ċappa flus li kienet nefqet martu … sakemm għajnu marret bih u ntilef fin-ngħas. Imma bilkemm kien ilu għaxar minuti jonħor li ma bediex jisma' kelb kbir jinbaħ wara l-bieb tal-kamra tas-sodda. Għall-ewwel ħaseb li kien qed joħlom, imma mbagħad intebaħ li dak kien kelb veru … il-kelb tiegħu Ferfex!

Imma x'kien ġara? Ferfex, il-kelb kbir ta' Mastru Gerfex, kien imdorri joqgħod fil-kamra tal-bejt, meta ma jkunx barra għal xi dawra ma' sidu. Iżda dak il-ħin sema' xi qtates jiġġieldu barra u, billi mal-qtates ma tantx għandu simpatija, iddeċieda li jinżel isfel jinbħilhom minn wara l-bieb biex inaffarhom. Imma hekk kif wasal ħdejn il-bieb tal-kamra tas-sodda lemaħ wiċċu fil-mera li Gerfex kien ħalla hemm! Ferfex ħaseb li dak kien kelb ieħor li bit-tustaġni kollha kien mar jidħollu fit-territorju tiegħu … u nfexx jinbaħ għalih.

Mastru Gerfex ħareġ jiġri bil-piġama minn ġos-sodda u pprova jrażżan il-kelb. Iżda dan kien qed jara r-rifless tiegħu jikxef snienu għalih. Qabeż


F Schembri